MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Numru. 392/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Malcolm Paul Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Malcolm Paul Bugeja ta’ 24 sena iben Paul u Filippa nee Vella mwieled Pieta’ fis-26 ta’ April 1982 residenti No 23 Triq Maghkuba Mgarr (Malta), detentur tal-karta tal-identita numru: 236682(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-5 ta’ Jannar, 2007 u fit-tmintax (18) il-xahar ta’ qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li forna d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li forna d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

c) F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba titratta ma’ l-imputat Malcolm Paul Bugeja talli kiser il-kundizzjonijiet ta’ sentenza datata 1 ta’ Novembru 2005 moghtija minn din l-istess Qorti fejn l-imputat kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 18-il xahar.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li fl-ewwel seduta, u cioe dik tas-7 ta’ April 2008, l-imputat ammetta ghat-tieni imputazzjoni dedotta kontrih, u cioe dik ta’ pussess semplici tad-droga eroina.

Rat li fis-seduta tal-15 ta’ Settembru 2008, il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi.

Rat li fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2010, il-difiza ghalqet il-provi, u li fl-istess seduta gie verbalizzat li *“Id-difiza qed tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti.”* Id-difiza talbet ukoll li jsir *pre-sentencing report* fuq l-imputat.

Rat il-*pre-sentencing report* redatt mis-Ufficjal tal-*Probation* Miriam Sevasta.

Semghet it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Rat in-nota tal-imputat tal-5 ta’ Dicembru 2011;

Rat in-nota responsiva tal-Ufficjal Prosekutur tat-12 ta’ Dicembru 2011;

Rat id-dokument esebit fis-seduta tal-21 ta’ Novembru 2012 mid-difiza mahrug mill-Fondazzjoni Oasi fis-16 ta’ Novembru 2012.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Kif inghad aktar il-fuq, fl-ewwel seduta, cioe dik tas-7 ta’ April 2008, l-imputat irregistra ammissjoni ghat-tieni imputazzjoni. Imbaghad fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2010, l-imputat, debitament assistit mil-legali tieghu, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u d-difiza talbet li jsir *pre-sentencing report*, kif effettivament sar.

Dan nonostante, wara li gie ipprezentat il-*pre-sentencing report,* kemm l-Ufficcjal Prosekutur kif ukoll l-avukat difensur donnhom insew dan il-fatt, ghaliex kemm it-trattazzjoni orali taghhom, kif ukoll in-noti ta’ sottomissjonijiet li gew skambjati wara, iddibattew il-meritu b’mod partikolari tal-ewwel imputazzjoni.

Pero din il-Qorti ma tistax tinjora l-ammissjoni rregistrata mill-imputat, debitament assistit mill-avukat difensur tieghu fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2010. Din il-Qorti la kellha u lanqas ghandha raguni tajba biex tiddubita mill-volontarjeta ta’ din l-ammissjoni jew ghal xi raguni tiddubita mill-validita taghha. Fil-fatt l-imputat innifsu ma ghamel l-ebda attentat sabiex jirtira din l-ammissjoni. Anqas ma tara din il-Qorti xi raguni kif prevista fl-Artikolu 453(2) tal-Kodici Kriminali (kieku dana l-artikolu kien applikabbli ghal din il-Qorti).

Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li ghalkemm l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, huwa ghamel dan mhux biss wara li l-prosekuzzjoni iddikjarat f'dawn il-proceduri li kienet ghalqet il-provi, izda wkoll wara li l-istess difiza iddikjarat li ghalqet il-provi. Fil-fatt dawn il-proceduri bdew fis-7 ta' April 2008 u l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih fis-seduta tat-8 ta' Frar 2010. Huwa ovvju li meta l-imputat sab ruhu daharu mal-hajt, ammetta biex forsi jiehu xi mitigazzjoni fil-piena ghall-ammissjoni. Imma, l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti, u m'ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena.

Mill-provi jirrizulta li l-imputat ikkollabora mal-pulizija rigward it-tieni imputazzjoni tieghu u cioe dik ta' pussess semplici tad-droga eroina, u ta xhieda guramentata kontra terzi persuni. Fil-fatt, fix-xhieda tieghu l-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Dennis Theuma xehed li l-imputat ghandu jibbenifika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta f'zewg gradi,[1] u din il-Qorti se tiehu din id-dikjarazzjoni in konsiderazzjoni u se tnaqqas il-piena b'zewg gradi u l-multa bin-nofs.

Mill-fedina penali aggiornata tal-imputat jirrizulta li hu ghandu zewg kundanni minn dawn il-Qrati ghall-pussess semplici tad-droga eroina.

L-imputat ammetta li fil-5 ta' Jannar 2007 u fit-tmintax (18)-il xahar ta' qabel din id-data ttraffika d-droga eroina. Dan jirrizulta mix-xhieda guramentata ta' Dennis Cilia. Dennis Cilia xehed ukoll quddiem din il-Qorti, u ghalkemm ghall-ewwel kien reticenti fix-xhieda tieghu, ammetta li xtara d-droga minghand l-imputat.[2] Pero la mix-xhieda guramentata ta' Cilia u lanqas mix-xhieda tieghu *viva voce* quddiem din il-Qorti ma jirrizulta la kemm-il darba, jew kemm frekwentement l-imputat biegh id-droga lil Cilia u lanqas il-kwantita ta' droga mibjugha. Fl-istqarrija guramentata tieghu, Cilia jghid biss li l-imputat *"gieli bihhli* (sic) *l-eroina."*[3] Pero minn din l-istqarrija jirrizulta li bieghlu aktar minn darba ghax Cilia jghid li dam madwar sena u xaharejn jinqed minghand l-imputat u li l-imputat kien izommlu *"jekk nofs gramma hmistax-*il *lira jekk pakkett tat ten ghaxar liri. Nghid li kont incempillu jien u nifthemu jew l-Imgarr stess qalb ir-raba jew San Pawl il-Bahar ftit il-boghod mill-hanut ta' missieru fejn jahdem hu."*

[1] Ara xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma a fol. 10 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' Dennis Cilia a fol. 43 tal-process.
[3] Ara stqarrija guramentata a fol. 31 tal-process.

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta' drogi bhala reat serjissimu, u ma huwa ebda attenwant il-fatt li dan isir minn *drug addict* biex imantni l-vizzju tieghu. Min isofri mill-problema tad-droga ghandu jipprova jikkura ruhu. Il-vizzju u l-problemi ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, u possibilment jirvina anke zghazagh ohra.

Huwa vera li jidher li l-hati issa qabad it-triq it-tajba u ghamel u temm b'success programm ta' riabilitazzjoni fi hdan l-agenzija OASI,[4] u qed jahdem bhala duty officer mal-istess agenzija,[5] u huwa *player* ezemplari fl-Imgarr United Football Club.[6] Pero kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm*

[4] Ara xhieda ta' Dun Manuel Cordina a fol. 62 tal-process, u l-*pre-sentencing report* a fol. 74 tal-process.
[5] Ara Dok JB1 a fol. 100 tal-process.
[6] Ara Dok. MS1 a fol 87 tal-process.

*residenzjali."* Ghall-istess raguni, ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni it-tlett (3) xhur li l-hati ghamel bhala *full-resident* fil-programm ta' riabilitazzjoni li ghamel.[7]

Il-Qorti ha tiehu wkoll in konsiderazzjoni li l-imputat qal lill-avukat difensur tieghu li ma xtaqx jixhed ghax fi kliem l-avukat tieghu *"qalli ghandi biza' kbir mill-gurament u qalli ma rridx inkun zbaljat. Qalli niehu li haqqni imma ma rridx nizbalja tikka."*[8] Dan juri li l-imputat ghandu rispett kbir ghall-gurament u ma riedx jipprova jqarraq bil-Qorti.

Pero il-Qorti trid titratta ukoll mal-imputat talli huwa hati tat-tielet imputazzjoni u cioe talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, impost fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-1 ta' Novembru 2005. F'din is-sentenza, l-imputat kien instab hati ta' pussess semplici tad-droga eroina.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf Euro (€1,000).

In oltre, in vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata tal-1 ta' Novembru 2005 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, din il-Qorti qieghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tittratta mal-hati ghall-imputazzjoni li dwarha hu kien tpogga taht tali ordni, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dik l-imputazzjoni, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni, tirrevoka l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta

[7] Ara *pre-sentencing report* - fol 74 *retro*.
[8] Ara xhieda tal-avukat Dottor Joseph Brincat a fol. 83 tal-process.

u r-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-hati ghal multa ohra ta’ hames mitt Euro (€500).

B’hekk il-hati huwa ikkundannat ghal piena karcerarja effettiva ta’ sitt (6) xhur u multa komplessiva ta’ elf u hames mitt Euro (€1,500).

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-multa komplessiva ta’ elf u hames mitt Euro (€1,500) tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------